# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **35** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **il-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| *Preżenti* | *Membri* |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Il-Kunsilliera | Is-Sinjura Carmen Fearne<br>Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Jesmond Mugliett (daħal fis-6.30p.m.)<br>Is-Sur Daniel Spiteri (daħal fis-6.40p.m.)<br>Is-Sur Sandro Gatt (daħal fis-7.30p.m.)<br>Is-Sur John B. Camilleri (daħal fid-8.45p.m.) |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Assistent Prinċipal | Is-Sinjura Lucille Bonnici |
| Accountant tal-Kunsill | Is-Sur Lawrence Cauchi |

### *Aġenda*

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 33 u 34.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Aġġudikazzjoni ta' Tenders u kwotazzjonijiet:
   **MLC 05/2012-** Permits & Receipts Software System
   **MLC 06/2012-** Marsaskala Booklet
6. Approvazzjoni tal-Quarterly Report Jannar – Marzu 2012.
7. Risposta tal-management Report mill-Awditur rigward l-Financial Statements għas-sena 2012.
8. Mistoqsijiet.
9. Mozzjonijiet.
10. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
11. Aġġornament.


Mayor
**Mario Calleja**

Deputy Mayor
**Charlot Mifsud**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Carmen Fearne**
**Lawrence Ciantar**
**George Farrugia**
**Sandro Gatt**
**Jesmond Mugliett**
**Daniel Spiteri**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari w approvazzjoni tal-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 33(1) tat-23 ta' April 2012:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

1.2 **Laqgħa Nru 34(1) tat-28 ta' April 2012:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 **Laqgħa Nru 33(1) tat-23 ta' April 2012:**

Ma kienx hemm punti.

2.2 **Laqgħa Nru 34(1) tat-28 ta' April 2012:**

Ma kienx hemm punti.

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Triq il-Qawsalla u Triq il-Lampuka (35/2701/12/I ) u (35/2502/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera preżenti billi qara xi korrispondenza li kienet inbagħtet minn xi residenti li joqgħodu fi sqaq bejn Triq il-Qawsalla u Triq il-Lampuka peress li kienet triq dejqa ħafna fejn talbu sabiex din it-triq tkun aċċessibli biss għar-residenti. Il-Kunsill bagħat dawn l-*emails* lit-TM, fejn is-Sinjura Testaferrata De Noto approvat li ssir *'cul-de-sac'* u talbet l-kummenti tagħna dwar dan.

Is-Sindku ppropona li nagħmlu *'cul-de-sac'* kif qalu t-TM, pero` fin-naħa l-oħra tat-triq inwaħħlu żewġ *bollards*, peress li t-triq ma tagħlaqx.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ppropona li nitolbu l-opinjoni tar-residenti dwar il-proposta tas-Sindku.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.2 **Tnaqqis mill-allokazzjoni ta' fondi għas-sena 2011 (35/2530/12/I) u (35/2690/12/O):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara li l-Kunsill kellu tnaqqis mill-allokazzjoni ta' fondi minħabba d-dewmien fis-sottomissjoni tal-*Financial Statements* u l-*Audit Reports* li saru għas-sena 2011, fejn wara li d-Dipartiment kiseb il-kummenti kemm tal-Kunsill tagħna, kif ukoll tal-Uditur tal-Gvern Lokali, ġie deċiż illi l-Kunsill jingħata lura nofs l-ammont li tnaqqsulu li huwa l-ammont ta' €3346.73.

Is-Segretarju Eżekuttiv rrisponda għal din l-*email* fejn talab r-raġunijiet ta' din id-deċiżjoni. Risposta mid-Dipartiment għadna ma ħadniex u s-Segretarju qal li se jibqa` jinsisti fuq dan ir-rigward, minħabba li jrid raġuni għalfejn il-Kunsill ma kienx ikkumpensat is-somma totali.

3.3 **<u>Litter Bins ma' SR Services Environmental Solutions (35/2549/12/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li l-*litter bins* ta' madwar il-*promenade* sar il-proċess ta' manutenzjoni fuqhom. Hemm madwar 98 *bin* fejn 17 minnhom inkisrilhom il-*lock* u 11 minnhom qegħdin iż-Żonqor fejn ġew immarkati mill-kuntrattur wara li ċċekjawhom wieħed wieħed. SR Services se jtuna 4 ċwievet ġodda għal dawn il-bins.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li d-dawn il-*bins* saru kollha sadid għalkemm fuq it-tender kien hemm miktub li dawn iridu jkunu posposti għall-elementi u m'għandhomx jissaddu f'sentejn.

Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-*email* li kien bagħat dwar dan lil SR Environmental Solutions.

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne qalet ukoll li dawn il-*bins* mill-ewwel bdew jissaddu speċjalment dawk li hemm in-naħa taż-Żonqor.

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett daħal għall-laqgħa fis-6.30p.m.***

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett qal li dawn il-*bins* għadhom m'għalqux is-sentejn imwaħħlin u għandhom bżonn ta' manutenzjoni kbira, għax veru mimlijien sadid speċjalment il-parti t'isfel u l-parti ta' wara tagħhom.

Il-Kunsill approva unanimament li nieħdu parir legali u fil-każ nibgħatulhom ukoll ittra legali.

3.4 **<u>Rubber Tiles fi Triq Ġnien David Vella (35/2486/12/O):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Perit s-Sur Aaron Abela ġibidlu l-attenzjoni dwar il-fatt li r-*rubber flooring* ta' Ġnien David Vella li kien sar mill-kuntrattur M.Quipp ma kienx ġie imwaħħal tajjeb għaliex jaħseb li ma kienx twaħħal bil-kolla. L-ispiża biex jerġa jsir manutenzjoni fuq dan ir-*rubber flooring* hija ta' €900.00, mingħand kuntratur ieħor.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ppropona li għandna nitolbu lill-M.Quipp sabiex jagħmel din il-manutenzjoni u mhux jeħilhom il-Kunsill fuq xogħol li ma kienx sar sewwa min-naħa tiegħu.

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne ppproponiet li filkaż li nagħmlu x-xogħol aħna bħala Kunsill, nibgħatu l-kont lilu biex iħallsu.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni wkoll fuq is-*see-saw* li hemm f'dan il-bandli, fejn m'hiex imwaħħla tajba għax m'hiex ingassata tajjeb fil-konkos.

Il-Kunsill approva unanimament li niktbu lill-M.Quipp sabiex jagħmel il-manuntenzjoni tar-*rubber flooring* u nqabdu lill-Karmig sabiex jirranġa s-*see-saw*.

3.5 **<u>Permess biex isir promozzjoni fuq fruit juices fit-8 ta' Lulju fuq il-promenade (35/2576/12/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara *email* li rċivejna mingħand is-Sinjura Rita Palmier fejn qed titlob lill-Kunsill permess sabiex tarma *portable stand* biex ibiegħu *juices* mhux alkoliċi fit-8 ta' Lulju, 2012 fuq il-*promenade*.

Il-Kunsill approva unanimament u għandhom isiru il-permessi neċessarji bil-ħlas.

3.6 **<u>Ktieb – Iva Jien minn Marsaskala:</u>**

Il-Kunsill approva unanimament li dan il-ktieb joħroġ bl-isimijiet tal-Kunsilliera, filwaqt li għandi jitniżżel l-isem tal-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne li tat kontribut siewi għal dan il-ktieb ukoll.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għall-laqgħa fis-6.40p.m.***

3.7 **<u>Construction Build-Outs fi Triq tal-Gardiel quddiem l-entratura tal-garaxxijiet (35/2857/35/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-*email* li rċivejna mingħand il-Perit Claire Bezzina fejn qed tikteb għan-nom tas-Sur Anthony Pace fejn qiegħda titlob li jerġgħu isiru l-*construction build outs* fi Triq tal-Gardiel minħabba li l-vetturi li hemm f'dan il-garaxx li huma madwar 65 ma jkunux jistgħu joħorġu l-vetturi tagħhom minn din l-entratura, peress li dejjem ikun hemm xi karozza ipparkjata quddiemha.

Il-Kunsill approva unanimament li ma jsibx oġġezzjoni li niktbu lit-TM li jsiru dawn il-*construction build outs,* liema *construction build outs* ikunu ta' 1.5metru wiesgħa u jesporġu sa metru 'l barra mill-bankina ezistenti.

Il-Kunsill approva wkoll unanimament li l-*bus stop* eżistenti li hemm f'din it-triq jitwaħħal faċċata ma-naħa tal-Magħluq quddiem l-entratura ta' dawn il-garaxxijiet.

3.8 **<u>Korrispondenza mingħand Dun Gorg Spiteri li qed jikteb f'isem il-Familja Debono (35/2491/35/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra li rċivejna mingħand Dun Gorg Spiteri li qed jikteb f'isem il-Familja Debono sabiex tingħata donazzjoni lil din il-familja tant fi bżonn biex jgħinu lit-tifla tagħhom li llum għandha erbgħa u għoxrin sena li sfortunatament tbati minn paraliżi b'saqaja.

Is-Sindku ppropona li f'Jum Marsaskala li ssir f'Settembru se jkun hemm attivita` ta' wirja ta' żwiemel fejn se jsiru xi donazzjonijiet u dawn id-donazzjonijiet għandhom imorru għan din il-familja.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.9 **<u>Avviżi mill-Għaqda Bajja San Tumas (35/2955/35/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-*email* li rċivejna mingħand l-Għaqda Bajja San Tumas fejn qed javżawna bl-attivitajiet li se jagħmlu f'Ġunju, 2012. Din l-Għaqda talbet l-għajnuna tagħna fejn qalu li fis-7 ta' Ġunju, se jkun hemm attivita` fir-ridott u li għandhom bżonn xi affarijiet bħal żebgħa tal-bibien, isir xi qtugħ ta' ħaxix, tindif ġenerali u barra minn hekk qed jitolbu li jkun hemm *team* ieħor biex isajjar ikla fil-kontejners fejn dawn il-*helpers* li jkunu fir-ridott ikunu jistgħu jieħdu xi ħaġa. Se ssir ukoll investigazzjoniji tal-bir permezz ta' *video* camera u hemm bżonn ukoll li xi ħadd jiddokumenta l-attivita` permezz ta' ritratti u *video.*

Il-Kunsill approva unanimament li ntuhom xi ftit landi taż-żebgħa peress li għandna *management agreement* għar-restawr ta' dan ir-ridott ma' l-istess għaqda, filwaqt li s-Sindku se jieħu ħsieb biex jibgħat xi għajnuna għal preparazzjoni tal-ikel billi jibgħat xi nies.

3.10 **<u>Tender tal-latrini Pubbliċi :</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li rridu nerġgħu naħdmu fuq it-tender il-ġdid tal-latrini pubbliċi għax dak li ħriġna l-ewwel darba qabeż l-ammont li kellna bbaġitjat, peress li l-Kunsill ma kienx jaf li l-*Public Cleansing* se jwaqqfilna l-kuntratt ħesrem u b'hekk flus allokati għal dan it-tender kienu ftit.

Il-Kunsill approva unanimament li dan it-tender jerġa jiġi diskuss aktar 'il quddiem, filwaqt li l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ppropona li fit-tender il-ġdid għandna nispeċifikaw li jkollna *attendant* wieħed ma kull latrina u mhux tnejn.

Il-Kunsill approva unanimament ukoll li sakemm jinħareġ it-tender il-ġdid, nitolbu estensjoni oħra lid-Direttur tal-*Public Cleansing* fejn nitolbuh li l-latrini kollha mill-15 ta' Ġunju sal-15 ta' Settembru, 2012 jibqgħu miftuħin sa l-għaxra ta' bil-lejl mit-Tnejn sal-Ġimgħa, filwaqt li kull nhar ta' Sibt u Ħadd iridu jibqgħu miftuħa sal-ħdax ta' bil-lejl, b'*attendant* wieħed biss biex jieħu ħsieb dawn il-latrini u jingħalqu waħda waħda u jibda jagħlaq dawn l-latrini nofs siegħa qabel u jispiċċa dejjem fil-latrina ta' Pjazza Dun Tarċis Aġius.

❖ ***Sospensjoni tar-Regolamenti.***

## 6.0 Approvazzjoni tal-Quarterly Report Jannar – Marzu 2012:

L-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Lawrence Cauchi kien preżenti għal din il-laqgħa fejn spjega il-*Quarterly Report* ta' Jannar-Marzu 2012.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Kunsill s'issa diġa nefaq aktar milli hemm ibbaġitjat għas-sena kollha fuq xogħlijiet ta' infrastruttura u *patching* pero`, dan kien ġie diskuss diġa waqt is-seduta preċedenti.

Is-Sindku qal li ma stajniex nagħmlu mod ieħor minħabba l-problema li nħolqot fi Triq il-Qaliet. Is-Sindku ppropona li niktbu lil-Gvern Ċentrali sabiex nitolbu rifużjoni ta' din it-triq li hija responsabilita` tal-Gvern Ċentrali peress li l-ħsara f'din it-triq hija ta' iktar minn 75% u ilha li saret aktar minn 15-il sena. Huwa kompla jgħid illi aħna stajna ftaħna kawża kostituzzjonali jew inkella għamilna dak li stajna billi nagħmlu *major patching* u fil-fatt il-Kunsill iddeċieda illi r-residenti ma setgħux ikomplu ibgħatu u jeħlu l-ispejjeż tat-*tyres* minħabba l-istat ta' din it-triq u allura għamilna l-iktar partijiet li kienu gravi u jekk il-Gvern ma jaċċettax li jtina l-flus, allura nitolbuh li jagħmel imqarr ftit toroq ġol-lokal bħala rimbors.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera preżenti li jekk Polidano ma jlestiex il-kumplament tax-xogħolijiet ma jinħarġux pagamenti oħra, pero` jekk jitlestew il-kumplament ta' Triq il-Qaliet, Triq il-Gemmugħa u Triq il-Batterija, allura jinħariġlu *part payment* ta' €25,000,00.

Il-Kunsill approva unanimament.

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għall-laqgħa fis-7.30p.m.***

## 7.0 Risposta tal-Management Report mill-Awditur rigward l-Financial Statements għas-sena 2012:

Is-Segretarju Eżekuttiv beda jispjega lill-Kunsilliera l-*Financial Statements* għas-sena 2012, fejn qal li f'Jannar li għadda kellhom laqgħa ma' l-Awdituri fejn ġew diskussi li l-*Financial Statements* u l-*Audit Reports* għandhom jiġu sottomessi fil-ħin, kemm il-Kunsilli iħallsu lill-*Accountants* u liema *Accountant* jagħmilhom dawn l-*Accounts.*

Il-Kunsill approva l- *Financial Statements* fi Frar u l-Awdituri talbuna li fil-21 ta' Frar jiġu l-Kunsill għall-*Audit,* u peress li l-*Accountant* dak inhar ma setax jattendi allura id-data ġiet imġedda għal Marzu.

L-Accountant tal-Kunsill wara li ġew approvati l-*financial* statements kien għamel aġġustamenti u bagthom lill-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv kien staqsa lill-Awditur li wieġbuh li l-aġġustamenti ma jistgħux isiru wara l-approvazzjoni tal-*financial statement* ikunu għaddew mill-laqgħa tal-Kunsill għax b'hekk il-Kunsill jista` jeħel il-penali minħabba li l-*financial statements* ma jkunux ġew sottomessi fil-ħin. L-*Accountant* tal-Kunsill kellu għaldaqstant jerġa jaħdem b'lura biex jipprovdi l-*Extended Trial Balance* u *dataset* skond il-*financial statements* approvati mill-Kunsill imbagħad l-aġġustamenti jsiru bħala *audited adjustments.*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li l-Awdituri ma ħadux pjaċir bl-aġir tagħna dwar 'il fatt li biddilna d-dati biex isiru l-*audits*. Staqsew ukoll fuq il-*petty cash* fejn domanda bħal din setgħet faċilment tiġi risposta minnu stess li *petty cash* fil-Kunsill jeżistu tnejn waħda isfel u l-oħra fuq. Inġibdet l-attenzjoni wkoll fuq il-VAT *receipts* li l-Kunsill ma jiġborx ir-*receipts* kollha. Is-Segretarju wieġibhom fejn qallhom li l-Kunsill jagħmel l-almu tiegħu kollu biex jiġbor dawn ir-riċevuti u r-riċevuti ma jinġabrux minħabba 'l fatt li minn mindu ħarġet memo 77/2011 fejn il-persuni li l-valur tal-bejgħ tagħhom ma jkunx iżjed minn sebat elef ewro m'għandhomx ikunu reġistrati u dan ifisser ili bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti, dawn il-persuni ma jkunux obbligati li joħorġu riċevuti fiskali u aħna nitolbuhom jimlew dikjarazzjoni. L-Awdituri ġibdulna l-attenzjoni wkoll li rridu noħorġu *purchase order* fuq kollox bħal pereżempju meta l-ħaddiema jixtru l-*petrol* u għandhom iġibu *chit* lura magħhom. Ġew diskussi l-punti kollha msemmija fil-*management report.*

L-*Accountant* is-Sur Cauchi qal li f'ġurnata waħda ma jistax ikun li l-Awdituri jagħmlu l-*audits* fuq Kunsill bħal tagħna għax il-Kunsill ta' Marsaskala huwa vast ħafna. Ma jkunx hemm ċans li jiġi mistoqsija d-domandi kollha li jkun hemm bżonn u allura wara jitniżżlu kollha fir-rapport. Huwa kompla jgħid li qed ikollhom *pressure* kbira mill-*Audit Office* u jaħdmu ħafna Kunsilli fi ftit żmien u l-konsegwenza ta' dan inbagħtuhom aħna. Is-Sur Cauchi qal li hu kien induna li għamel żball min-naħa tiegħu fuq il-*financial statement*, pero` minħabba 'l fatt li kif diġa spjega s-Segretarju dawn ma setgħux jiġu rranġati.

Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jgħid li hemm ħafna punti li qajmu l-Awdituri li kellhom raġun fuqhom, pero` setgħu jagħmluhom fuq l-*audited adjustments* u mhux fuq il-*financial statements*, minħabba li dawn kienu problemi fl-*accounts.*

Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-*Accountant* sabiex il-*book keeping* ma jibqax isir is-Sibt, imma jsir matul il-ġimgħa ħalli jkun hemm kommunikazzjoni aħjar waqt li jsiru l-*entries* fl-*accounts*. Is-Sur Cauchi rrisponda li qed jaħdem fuqha u l-*book keeping* jibda jsir matul il-ġimgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsilliera preżenti li qabel ma tinbagħat ir-risposta għal dan il-*management report* se jibgħatilhom kopja finalizzata għall-attenzjoni tagħhom, minħabba li kellhom jiżdiedu xi ftit affarijiet fir-risposta.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

- ***Sospensjoni tar-Regolamenti.***

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill:***

3.11 **Heritage Trail Map:**

Is-Segretarju Eżekuttiv wera lill-Kunsilliera kampjun ta' dan il-*heritage trail map* li se tinħareġ mill-Kunsill bis-saħħa tal-fondi tal-ERDF212. Se jinħarġu 10,000 kopja.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.12 **Maintenance fil-ground ta' l-iskola (35/3030/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-ispejjeż li se jintefqu fil-grawnd ta' l-iskola, parti minnhom se jitħallsu mill-Kunsill u 'l parti l-oħra se jitħallsu mill-iskola stess. L-ispiza ta' dan ix-xogħol se tiswa €2398.00

Il-Kunsill approva unanimament.

3.13 **Proposta mingħand il-KAP Services Ltd rigward Street Furniture (35/3073/12/I):**

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-KAP Services Ltd ħarġet bi proposta lill-Kunsill li lesta li toħroġ €750.00 fis-sena fuq reklamar li jsiru fuq it-30 *stainless steel bins* u l-barriers li għandna madwar il-promenade fejn ukoll jipproponulna li jekk il-Kunsill ikollu xi avviżi ta' attivitajiet jista` wkoll ipoġġihom b'xejn lill-Kunsill

Il-KAP Services Ltd. lesti wkoll li jagħmlulhom manutenzjoni ta' dawn il-bins.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.14 **MEDEEA Project Event in Brussels (35/3074/12/I):**

Is-Sindku ppropona li l-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri jattendi għall-laqgħa fuq il-proġett tal-MEDEEA ġewwa Brussels fejn se jħallsu l-ewwel €500.00 min-naħa tagħhom.

Il-Kunsill approva unanimament.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

Ġiet ippreżentata lista ta' kontijiet bi kreditu u dawk li tħallsu b'urġenza biex jiġu approvati għall-pagamenti.

Il-Kunsill approva unanimament il-lista ta' pagamenti.

5.0 ***Aġġudikazzjoni ta' Tenders u Kwotazzjonijiet:***

5.1 ***MLC 05/2012- Permits & Receipts Software System:***

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta t-*tender schedule*.

| | Kuntrattur | Ammont inkluż il-VAT | |
|---|---|---|---|
| 1. | Cyberspace Solutions Ltd. | €2,750.00 | Software Installation |
| | | €590.00 | Yearly maintenance t cover 3 years |

Il-Kunsill qabel unanimament li nqabbdu lis-Cyberspace Solutions Ltd., peress li kien l-uniku offerent, kif ukoll minħabba 'l fatt li l-proposta kienet *technically compliant* u kellu diġa esperjenza f'Kunsilli Lokali ieħor.

5.2 **<u>MLC 06/2012- Marsaskala Booklet:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta t-*tender schedule*.

| | Kuntrattur | Ammont inkluż il-VAT |
|---|---|---|
| 1. | Gutenberg | €2,677.50 |
| | | |

Il-Kunsill qabel unanimament li nqabbdu lil-Gutenberg peress li kien l-uniku offerent u l-offerta mitfugħa minnu kienet *administratively and technically compliant*.

- ***Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri daħal għall-laqgħa fid-8.45p.m.***

- ***Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ħareġ mil-laqgħa fid-8.47p.m.***

8.0 ***<u>Mistoqsijiet:</u>***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

9.0 ***<u>Mozzjonijiet:</u>***

9.1 **<u>Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#332-20/04/12):</u>**

*"Jipproponi li waqt li qiegħdin nagħmlu x-xogħol fil-Bandli Mifsud Bonniċi ninstallaw sistema li permezz tagħha nkunu nistgħu nipprovdu 3 phase supply fil-bandli kif ukoll tnejn oħra fuq il-promenade, dan biex ma noqgħodux nġibu supply temporarja kull meta jkollna xi attivita` tal-Kunsill".*

Il-Kunsill approva unanimament.

9.2 **<u>Mozzjoni mressaq mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#335-2/05/12):</u>**

*"Jipproponi illi jsir mini open market darba fil-ġimgħa fi Triq Santa Tereża wara l-boċċi. Dan dejjem wara konsultazzjoni ma tlett residenti li joqgħodu f din it-triq".*

Il-Kunsill approva unanimament li jsir kull nhar ta' Sibt filgħodu u jitpoġġew madwar 30 stalls u niktbu għall-approvazzjoni lill-Ministeru tal-Finanzi.

9.3 **<u>Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#336-14/05/12):</u>**

*"Jipproponi li fi Triq Santa Tereża fil-kantuniera nirranġaw il-bankina għax miksura u nagħmlu rampa għall-aċċess ahjar u jipproponi li tiġi ppeċjata din il parti tat-triq għax miksura u hemm jinżamm ħafna ħmieġ".*

Il-Kunsill approva unanimament.

9.4 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#337-14/05/12):**

*"Jipproponi li fi Triq il-Qaliet in-naħa tall-villel isiru double centre lines. U dawk il-linji li m' hemmx bħal parking bases u stop signs. Jipproponi ukoll li fi Triq il-Qaliet nitolbu biex jinstallaw speed indicators. Jiproponi wkoll li ninstallaw tabelli ta speed limit ta 40 bħal qbija tat-triq".*

Il-Kunsill approva unanimament.

9.5 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sinjura Carmen Fearne (#338-17/05/12):**

*"Tipproponi li issir il-biċċa bankina li hemm nieqsa fi Triq il-Munxar (ħdejn il-grocer)".*

Il-Kunsill approva unanimament.

9.6 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#339-18/05/12):**

*"Jipproponi li fil-bajja ta' San Tumas inwaħħlu tabella li ma jistgħux iniżlu żwiemel jgħumu fil-baħar".*

Il-Kunsill approva unanimament.

9.7 **Mozzjoni mressaq mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#340-22/05/12):**

*"Jipproponi sabiex ssir zebra crossing fi Triq il-Qaliet bejn Triq is-Sibbien u Triq l-Imriekeb peress li hemm ħafna tfal ta' l-iskola i jridu jaqsmu biex jaqbdu t-trasport u qegħda ta' periklu għalihom".*

Il-Kunsill approva unanimament.

9.8 **Mozzjoni mressaq mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#341-23/05/12):**

*"Jipproponi sabiex issiru tabelli biex ma jsirx għum topless il-bajjiet ta' San Tumas u dan wara xi lmenti li qed ikun hemm xi nemmisa fil-ġnien".*

Il-Kunsill approva unanimament.

10.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:***

10.1 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li se noħorġu l-avviżi għall-karrijiet bħal kull sena sabiex il-karrijiet jitpoġġew wara l-pixxina mill-15 ta' Ġunju sal-15 ta' Settembru, 2012.

10.2 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li twaħħlu avviżi mal-bandli kollha fejn qed navżaw lill-pubbliku li sal-21 ta' Lulju 2012, il-bandli se jiġi inawgurat u li meta se jiġi l-*equipment* kollu se jitgħatta bil-plastik sakemm jitlesta x-xogħol kollu. Il-proċess għaddej mhux ħażin.

10.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li mis-27 ta' Mejju se jinbiddlu r-rottot ta' l-Arriva u se jibdew r-rottot il-ġodda kif tlabnihom aħna.

10.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li s-Sinjura Cardona tal-kumpanija Go se ttina sponsorship ta' €1900 u l-Vodafone se jtuna sponsorship ta' €2,500 ukoll għall-mobile unit li jarmaw kull sena.

10.5 Is-Sindku qal li fuq il-live streaming se jkollna proposta mill-kumpanija TCTC.

10.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie avviċinat mis-Sur Giovann Grech tas-Security Service fejn pproponilu biex joffrilna servizz ta' *monitored camers* 24 siegħa kulljum għall-prezz ta' €25 ~~kulljum~~. Is-Sindku ppropona li għandna nagħżlu erba` siti biex inpoġġu dawn il-*cameras.*

10.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-*billboards* li għandna madwar il-lokal li kienu saru mal-Assoċjazzjoni tal-Ħwienet issa ġew f'idejna u se nbiddlulhom il-*locks* u nibdew nieħdu ħsiebhom aħna. Is-Sindku ppropona li npoġġu fihom il-*heritage trail map*, kif ukoll il-mappa tad-Douzelage u dak kollu li jkun hemm bżonn.

10.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li bl-għajnuna tal-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett, il-Green MT żam kellmtu għax se jtuna dawk l-40 bank li kienu wegħduna u barra minn hekk tawna wkoll il-boroż il-griżi biex jibdew jitqassmu lir-residenti.

10.9 Is-Sindku informa lill-Kunsill li se jiġi ffurmat NGO u l-membri tiegħu se jkunu s-Sindku u l-Viċi Sindku u jekk hemm xi ħadd interessat jista` jifforma parti minnhu wkoll. Dan l-NGO se jiġi ffurmat biex jekk fl-4 snin li ġejjien ssir id-*Douzelage Annual General Meeting* fil-lokalita` tagħna, nkunu nistgħu napplikaw għall-fondi. Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne ġibdet l-attenzjoni li wieħed irid joqgħod attent għar-rekwisiti kollha ta' NGO qabel ma dan jiġi fformat.

10.10 Is-Sindku informa lill-Kunsill li minn fuq id-*Douzelage Projects* se jinħoloq proġett mill-pajjiż ta' Siret ir-Rumanija, fejn qed jibnu *mental hospital* u jekk aħna norgnizzaw attivita`, l-fondi li naqalgħu minnha, nibgħatuhom lilhom bħala donazzjoni.

Rigward il-pajjiż ta' Meersen hemm proġett ieħor li kull pajjiż irid isib artist volontarju biex jibni siġra tal-metal u nibgħatuha l-Olanda għall-kompetizzjoni. Inħallsu biss tal-materjal. Il-Kunsill se javviċina lil xi artist mill-lokal.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li hemm proġett ieħor mid-Douzelage fejn trid issir kompożizzjoni bil-Malti u bl-Ingliż ta' madwar 1,900 kelma rigward l-istorja tal-lokal. Din hija kompetizzjoni għaż-żgħażagħ ta' dawn is-27 pajjiż u dawk il-pajjiżi li jintagħżlu il-kompożizzjoni tagħhom titpoġġa f'din il-ktieb fejn jiġi mqassam f'dawn il-pajjiżi kollha tad-Douzelage barra li min jikteb il-kompożizzjoni jiġi magħruf bħala awtur tagħha. Għandna nirċievu aktar korrispondenza aktar 'il quddiem.

10.11 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fejn il-pixxina se ssir *car wash* għal dawk in-nies bi bżonnijiet speċjali fl-10 ta' Ġunju, 2012.

10.12 Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri informa lill-Kunsill li rċivejna stima ta' xogħol mingħand in-Nexos fuq attivita` li se ssir fit-30 ta' Ġunju għall-ammont ta' €879.10 u wara li l-Kunsillier iddiskuta din l-istima man-Nexos, l-istima niżżilha għal €500.00. Il-Kunsill wera l-apprezzament tiegħu dan ir-roħs fl-istima.

11.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fl-10.15p.m.

Il-laqgħa li jmiss se ssir fid-19 ta' Ġunju, 2012 fis-6.00p.m.

| | |
|---|---|
| ***Josef Grech*** | ***Mario Calleja*** |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |